KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun

## Id-Disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar l-Erbgħa 21 ta' Mejju, 2025, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Vince Bonello
Jean Carl Agius Ciscaldi
Mario Calleja
Maria Baldacchino
Aymen Grech Pace

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Carmen Borg
Antoine Vassallo
Maria Mallia

*Misraħ il-Kunsill*
*Triq id-Duka t'Edinburgh*
*Ħamrun ĦMR 2063*
*hamrun.lc@gov.mt*

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

**13.02** **Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

13.02.01 Filwaqt li x-xogħol fi Triq Ġużè Maria Camilleri huwa lest s'issa ma hemm l-ebda żviluppi. Bħalissa qiegħed għaddej cable li ġej minn Birkirkara u għandu jkun lest fil-ġranet li ġejjin. Kif ukoll fil-mument qed nistennew li jitkomplew ix-xogħolijiet fi Triq Manuel Magri.

13.02.02 Rigward Pjazza 7 ta' Ġunju hemm issues fuq il-ġnien għax qed ikun hemm xi abbużi primarjament fil-lift, għalhekk se jkun qed tittieħed id-deċiżjoni li l-lift jingħalaq għalissa.

13.02.03 Rigward ix-xogħolijiet tar-Roof Garden xogħol mixi u filwaqt li l-lift għandu jkun lest bejn Lulju u Awwissu.

13.02.04 Rigward it-tender tal-Carpark, bħalissa qed issir ħidma fuqu biex jiġi finalizzat u eventwalment joħroġ fuq is-sistema tat-tenders.

13.02.05 Is-Sindku qal li rigward l-issue tal-Y-plates, bħalissa qeda għaddejja li qed jitqiedu avviżi mal-karozzi li jkun hemm fejn dan jidher li qed iħalli l-frott mixtieq. Apparti minn hekk ġew ukoll ittowjati xi karozzi. B'dan kollu xorta qed ikun mimli, għax hemm domanda kbira għalih, għalhekk jidher li għas-snin li ġejjin jrid jogħla l-prezz, b'mod speċjali għall-membri.

13.02.06 Is-Sindku fakkar lill-kunsilliera ukoll fuq l-attività li hemm fi pjazza San Pawl, fl-20 ta' Ġunju fit-8pm.

**13.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

13.03.01 Il-Kunsilliera ġew infurmati fuq il-ftuħ uffiċjali taż-żona tar-Rabbat. Din se tkun it-Tnejn 26 ta' Mejju 2025 fl-10.30am. L-istess ġurnata filgħaxija se tkun qed issir attività żgħira fiż-żona stess. Din se tkun quddiesa u wara se jkun hemm riċeviment żgħir. Din se tibda fis-7pm

13.03.02 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera bl-attivitajiet li ġejjin, fosthom ta' nhar is-7 ta' Ġunju fejn se jkun hemm The American Car Show li jinkludi karozzi, trakkijiet u muturi. Għal dan se jkun hemm ammont sabiħ ta' karozzi u kif ukoll divertiment vast. Se jkun hemm żona apposta relatata mat-tfal.

13.03.03 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li se jkun qed jinfetaħ il-parkeġġ ta' Maria Assunta li se jkun miftuħ mit-3.30pm sas-6.30am. L-għan huwa li dan jinfetaħ matul ix-xahar ta' Ġunju.

13.03.04 Attività oħra li se jkun qed jagħmel il-kunsill hija The Pizza Experience li se ssir nhar is-Sibt 12 ta' Lulju fi Triq Oscar Zammit u Triq il-Franġiskani. Din l-attività se tkun qed tiffoka fuq il-pizza b'mod speċjali il-pizza Fauta u kif ukoll fuq l-

element tal-laħam. F'din l-attività se jkunu qed jipparteċipaw bosta nies li ġejjin minn barra minn Malta.

13.03.05 Is-Sindku nforma li hemm il-ħsieb li tidħol applikazzjoni għall-SPI/SCI/04/2025 - Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Milied 2025, li hija relatata mal-festi tal-Milied. L-għan tagħha hi li tinvolvi l-iskejjel u anke jiġu offruti lezzjonijiet lit-tfal bħal f'kant u anke mużika. L-idea hi li jingħata importanza lill-Milied tradizzjonali. Il-Kunsill approva.

13.03.06 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li fiż-żmien li ġej se jkun qed jibda xogħol fuq cycle line li se jibda mill-Imsiba u jibqa' sejjer għall-Belt Valletta u għal Marsa. Dan jrid jgħaddi mill-Ħamrun li se jkun qed jgħaddi minn Triq Joe Gasan u Triq San Ġorġ Preca, fejn hemm l-iskola St Joseph. Bħala parkeġġ mhux se jkun qed jitmissu ħafna għajr, mhux aktar minn 4 parkeġġi, imma dawn se jippruvaw jiġu replaced. Li hemm tajjeb fuq dan il-proġett hu li se jkun hemm trangar fit-toroq imsemmija.

13.03.07 Ġie mitkellem il-punt relatat ma' Triq Schembri, fejn is-Sindku qal li qed jitkellem ma' Infrastruttura Malta, fejn hemm kellu jgħaddi cablet tal-Enemalta u minn hemm jitkompla x-xogħol fuq il-kumplament ta' Triq il-Kbira. Għalkemm hija triq li toffri diversi sfidi, din għandha ssir għalkemm ma' hemmx data stabbilita.

13.03.08 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera ukoll li hekk kif kien tiġa diskuss, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Kunċizzjoni n-nar se jitmexxa lejn l-istabbiliment Gusto. Min naħa tagħhom talbu l-għajnuna tal-kunsill biex isiru t-tappieri meħtieġa.

13.03.09 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li issa l-istaff żdied b'persuna oħra li b'hekk hemm żewġ persuni ġodda fil-customer care. L-impjegata li bħalissa qed bil-leave tal-maternita' talbet biex tkun tista' taħdem sagħtejn mid-dar. Ifisser li taħdem mis-7.30am sas-2pm fl-uffiċju u l-kumplament mid-dar. Is-Sindku qal li din hija persuna taħdem ħafna u ċerti li l-ħidma tagħha se tibqa' għaddejja mid-dar. Il-kunsill approva.

## 13.04 Korrispondenza

13.04.01 Il-Ġimgħa 6 ta' Ġunju se tkun qed issir attività b'risq Ħamrun Ħanin organizzata mill-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu.

13.04.02 Il-Ġimgħa 23 ta' Mejju se jkun hemm quddiesa fil-Knisja tal-Immakulta Kunċizzjoni bit-trofew tal-Kampjonat, filwaqt li s-Sibt 24 ta' Mejju se jkun hawn photoshoot bit-trofew fil-binja tal-Kunsill. Il-Ħadd 25 ta' Mejju se jkun hemm quddiesa l-Parroċċa San Gejtanu u wara rappreżentanti tal-Kumitat ta' Ħamrun Spartans se jżuru l-Kunsill Lokali. Kunsilliera huma mistiedna u mportanti li jattendu.

**13.05 Jum il-Ħamrun**

13.05.01 Il-Kunsilliera ġew informati bid-dettalji kollha relatati ma' dan il-jum. Dan se jkun qed jikkonsisti b'quddiesa fis-6.30pm fil-Knisja Arċipretali u Arċimatriċi ta' San Gejtanu. Bħala kunsilliera se jkunu qed jipparteċipaw, fil-qari u fl-offerti waqt l-offertorju. Wara, għal ħabta tas-7.30pm se tkun qed tibda l-attività quddiem il-binja ta' Kunsill.

13.05.02 Ġie spjegat l-andament tas-serata u wara dan ingħatat l-informazzjoni fuq dawk kollha li se jkunu qed jingħataw rikonoxximent, inkluż ta' qalb San Ġorġ Preca u kif ukoll Ġieħ il-Ħamrun.

**13.06 Proġetti**

13.06.01 Ġew mitkellma aktar 'il fuq.

**13.07 Skemi**

13.07.01 Ġew mitkellma aktar 'il fuq.

**13.08 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

13.08.01 Il-Kunsilliera Maria Baldacchino, tkellmet ma' tabiba dermatoloġista għall-possibilità li jkun hawn taħdita fuq il-melanoma.

13.08.02 Il-Kunsillier Mario Calleja staqsa jekk hux se jitnaddfu t-tappieri issa li għaddiet ix-xitwa. Is-Sindku qal li dawn se jitnaddfu.

13.08.03 Huwa qal ukoll li fi Triq il-Franġiskani hemm parkeġġ nieqes għall-muturi

13.08.04 Il-Kunsillier qal ukoll li l-Gwardjan tal-Franġiskani huwa inkwetat ħabba l-ħsarat fil-kampnar. Is-Sindku qal li huwa mportanti li huwa jagħtina stima tal-ispejjeż u tax-xogħol meħtieġ.

**13.09 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagament**

13.09.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 04.2025 ġiet approvata mill-Kunsilliera Aymen Grech Pace (Viċi Sindku) u sekondat minn Vince Bonello.

**13.10 Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Laqgħa li jmiss hija skedata għall-Erbgħa 18 ta Ġunju 2025, fil-5.30pm.

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv